MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2004

Numru. 98/2001

**Il-Pulizija**
**(Sp. Joseph Cordina)**

**vs**

**Roderic Tanti ta' 32 sena, iben John**
**u Carmen nee Friggieri, imwieled tal-Pieta'**
**fis-7 ta' Awissu, 1968, u li joqghod**
**fl-indirizz 'Earls Court', Flat 5,**
**J. F. Mark Street, San Gwann,**
**detentur tal-karta ta' l-identita'**
**bin-numru 336168 (M)**

**Joseph Fenech ta' 46 sena bin Gregory**
**u Beatrice nee Frendo, imwieled B'Kara**
**fit-2 ta' Novembru, 1954, u li joqghod**
**fl-indirizz 'Alexandra', Flat 5, Sacred Heart Ave.**
**San Giljan, detentur tal-karta ta' l-identita'**
**bin-numru 823954 (M)**

**Christopher Cutajar ta' 27 sena, bin Paul u Mary nee Caruana, imwieled tal-Pieta' fil-15 ta' Settembru, 1973 u li joqghod fl-indirizz 'Marpa', Psaila Street, Birkirkara, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 494073 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Roderic Tanti, Joseph Fenech u Christopher Cutajar li gew akkuzati talli fis-26 ta' Dicembru, 2000 u fid-dati ta' qabel, fl-Iklin jew bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw 400 kaxxa b'xorb alkoholiku, mehudin b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun, indalu jew ibieghu jew imexxuhom. Bi ksur ta' l-artiklu 334 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Talli taht l-istess cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz jew kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intrapirizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghalu qliegha ta' aktar minn Lm 23,000 ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta. Bi ksur ta' l-artiklu 308 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Talli taht l-istess cirkostanzi, bi hsara ta' haddiehor, ghamlu xi qliegh iehor b'qerq li jammonta ghal aktar minn Lm 500. Bi ksur ta' l-artikli 309 u 310 (1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tal-VAT akkuzati:

Talli taht l-istess cirkostanzi, bil-hsieb li jiffrodaw lill-Gvern ta' Malta ittantaw li jaharbu d-Dazju tas-Sisa, Dazju ta' l-Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) dovuti u/jew xi ligi jew limitazzjoni tad-Dwana dwar l-

importazzjoni, billi ghenu jew kellhom b'xi mod x'jaqsmu filli jigu mwarrba jew irtirati kontra l-ligi oggetti li jidhru fin-nota ta' Qbid numru 6/2001 hawn mehmuza, minn Hal-Far Groupage Complex, qabel l-ezami taghhom mill-Ufficjal Inkarigat tad-Dwana, mhux bl-awtorita' jew taht is-sorveljanza ta' dan l-Ufficjal, oggetti importati f'Malta, b'mod li l-Ufficjal inkarigat ma jkunx jista' jiehu taghhom nota kif imiss jew b'mod li ma jkunux gew imdahhla fid-depost kif imiss,

Talli taht l-istess cirkostanzi xjentement laqghu ghandhom, gew fil-pussess, zammew, hbew u/jew xjentement hallew jew ittolleraw jew geghlu jew fittxew li jigu milqugha, mizmuma jew mohbija u/jew xjentement kellhom b'xi mod x'jaqsmu fil-garr, twarrib, depozt jew habi ta' l-oggetti in kwistjoni.

Dawn l-oggetti li l-importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta ghandhom valur ta' Lm 7467.70,0 Dazju tas-Sisa ta' Lm 18706.80,0, Dazju ta' l-Importazzjoni ta' Lm 604.88,0 u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T) ta' Lm 4016.91,0. Liema dazju tas-Sisa, Dazju ta' l-Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) ma gewx imhallsa u/jew kawtelati.

Dan bi ksur ta' l-Artikli 60(a) (c) (e) (k) u 62 (a) (b) (c) (f) (g) (h) (i) (k), 68(1) u 63(1)(2) u l-paragrafu (a) tal-proviso ta' l-Artiklu 62 tal-Kap 37 u l-Artikli 16(j) (l) u 17 (a) ta' l-att XVI 1995 tal-Ligijiet ta' Malta.

IL-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAD-978 illi ntuzat bhala mezz ta' garr ta' oggetti illi d-dazju taghhom ma jkunx imhallas, giet maqbuda bin-nota ta' qbid 7/2001.

Il-Qorti hija mitluba biex f'kaz ta' htija terz tal-piena tal-flus, jitqies bhala dejn civili li ghandu jithallas lill-Gvern ghat-terminu tal-proviso fl-Att 62 tal-Kap 37 tal-Ligjiet ta' Malta.

Rat id-debiti interrogatorji fejn l-akkuzati wiegbu li ma kinux hatja ta' l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom.

Rat ukoll il-letters to prosecute mahruga mill-Kummissarju tal-VAT a fol 35, 36, 37 tal-process fir-rispett ta' Roderic Tanti, Christopher Cutajar u Joseph Fenech esebiti bhala Dok JB, JB1 u JB2 rispettivament, dawk mahruga mill-Kontrollur tad-Dwana esebiti bhala Dok MD, MD1, MD2 fl-ismijiet ta' l-akkuzati rispettivament a fol 24, 26 u 28 tal-process, kif ukoll iz-zieda mitluba mal-letter to prosecute a fol 25, 27 u 29 tal-process liema zieda hi mitluba wkoll mill-Kontrollur tad-Dwana dejjem fil-konfront tat-tliet akkuzati.

Rat ukoll in-nota tar-rinviju ta' l-Avukat Generali li fiha ntbaghtu l-artikoli taht liema haseb li tista' tinsab htija fil-konfront ta' l-imputati kollha a fol 192 tal-process liema artikoli jaqraw 334 tal-Kap 9, 308 tal-Kap 9, 309, 310 tal-Kap 9, l-artiklu 60(a)(c)(e)(k) u 62 (a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k), Artiklu 68(l), artiklu 63(1)(2), artiklu 62(a) u l-proviso tal-Kap 37 kif ukoll taht l-artiklu 16 (j) u (l) u l-artiklu 17(a) tal-Att XVI ta' l-1995.

Rat ukoll li a fol 194 fis-seduta ta' l-istess l-imputati kollha taw il-kunsens taghhom ghal proceduri sommarji.

Ikkonsidrat

Illi il-Qorti, qabel ma tghaddi biex tezamina l-provi migbura f'din il-kawza, biex tara jekk jirrizultawx dawk il-htijiet addebitati lill-akkuzati, l-ewwel se tghaddi biex tindirizza il-punti mqajma mid-Difiza.

L-ewwel punt tqajjem minn Dr Manuel Mallia a fol 47 tal-process hekk minnu registrat fil-verbal tas-seduta tat-30 ta' April, 2001. Dr Manuel Mallia, wara li xehed il-Perit Richard Aquilina u l-istess Perit ikkonferma li hu pprezenta r-rapport tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti Dr Cassar, ghalhekk ivverbalizza ghal Roderic Tanti li in vista tal-fatt li r-relazzjoni tal-Perit Aquilina ma tifformax parti mill-proces verbal tal-Magistrat Inkwirenti gia formalment esebit f'dawn il-proceduri u/jew ma gietx ipprezentata jew allegata, din ir-relazzjoni ma tistax tigi pprezentata f'dan l-istadju.

Fil-fatt jekk wiehed ihares fl-atti tal-process innifsu isib illi fl-ewwel seduta mizmuma, cioe dik ta' l-10 ta' April, 2001 id-Deputat Registratur kienet f'isem ir-Registratur tal-Qorti esebiet il-proces verbal kif redatt mill-Magistrat Inkwirenti, liema proces verbal qieghed a fol 21 et seq tal-process. Fl-istess verbal tas-seduta msemmija insibu wkoll li l-Magistrat sottofirmat kienet ikkonfermat ukoll l-esperti nominati fl-inkjesta Magisterjali. Jekk wiehed ghalhekk ihares lejn l-Inkjesta Magisterjali biex jara liema esperti kien innomina il-Magistrat Inkwirenti isib li dan kien hatar lill-Perit Richard Aquilina u lil PC 1261 Charles Pace. Jirrizulta mill-atti ta' l-inkjesta illi din l-inkjesta inghalqet fuq nota tal-Kummissarju tal-Pulizija, ghax ovvjament kienu se jitressqu persuna addebitati bl-akkuzi in dizamina, u dan qabel ma l-istess Magistrat Inkwirenti kien lahaq irrediga l-proces verbal tieghu bl-inkluzjoni fl-istess tar-rapporti ta' l-esperti minnu nominati.

In vista ta' dan il-fatt, u cioe tal-fatt li l-Perit Aquilina kien insista, u xehed li hu kien esebixxa r-relazzjoni quddiem il-Magistrat Inkwirenti meta l-istess relazzjoni ma kinitx inkluza kif ga stabbilit fil-proces verbal, il-Qorti tablet li jittella' jixhed id-Deputat Registratur tal-istess Magistrat Inkwirenti. Ghalhekk fis-seduta tat-3 ta' Mejju a fol 82 tal-process kien xehed Joseph Borg. L-istess Joseph Borg kien qal li ghandu fil-pussess tieghu ir-relazzjoni ta' l-espert Richard Aquilina u l-espert PC 1261 Charles Pace u dan fl-inkjesta dwar sejba ta' xorb alkoholiku li gie misjub gewwa containers gewwa l-Iklin. Qal ukoll l-istess deputat registratur li l-Perit Aquilna kien ipprezenta din ir-relazzjoni fis-26 ta' Marzu, 2001 meta PC 1261 ipprezenta fis-16 ta' Frar, 2001. Qal ukoll li din l-Inkjesta kienet maghluqa fis-7 ta' Frar, 2001 u gia mibghuta ghand l-Avukat Generali.

Joseph Borg esebixxa z-zewg relazzjonijiet imsemmija quddiem il-Magistrat Istruttorju.

Ghalhekk mix-xhieda ta' l-istess Joseph Borg jirrizulta illi sar, jekk wiehed jista' jsejjahlu hekk, zball amministrattiv, fejn il-Periti nominati fl-inkjesta esebew ir-rapport quddiem il-Magistrat Inkwirenti meta l-istess Inkjesta kienet ga giet

rinvijata lill-Avukat Generali kif hawn fuq premess. Il-Qorti ghalhekk talbet lill-Perit Richard Aquilina u lil PC 1261 Charles Pace biex issa jikkonfermaw ir-relazzjonijiet taghhom gia mahlufa quddiem il-Magistrat Inkwirenti u issa esebiti quddiemha mid-Deputat Registratur Joseph Borg. Ghalhekk l-istess Perit Arkitett Richard Aquilina ikkonferma r-relazzjoni tieghu esebita bhala Dok RA a fol 84 et seq tal-process. Telgha wkoll jixhed l-istess kuntistabbli li kkonferma l-kontenut tar-relazzjoni tieghu bhala dok CP a fol 98 et seq tal-process.

Illi l-Qorti f'dan ir-rigward, u wara li ezaminat bir-reqqa l-eccezzjoni ta' Dr Mallia kif hawn fuq registrata liema eccezzjoni l-Qorti se tiddetermina fil-konfront ta' l-akkuzati kollha nonostante li din giet sollevata biss fil-konfront ta' Roderic Tanti, tqis li dan ma kien hlief zball amministrattiv. L-inkjesta, kif jirrizulta, kienet maghluqa fuq nota tal-Kummissarju tal-Pulizija qabel ma l-istess esperti lahqu pprezentaw l-inkarigu taghhom quddiem il-Magistrat Inkwirenti. L-istess Deputat Registratur tal-Magistrat Inkwirenti zamm ghandu r-rapport lilu moghtija mill-esperti u fuq ordni ta' din il-Qorti gie hekk jesebihom quddiem din il-Qorti u sussegwentement gew ikkonfermati fil-kontenut taghhom mill-esperti li rredicew l-istess rapporti. Frankament din il-Qorti, ghalkemm mhux lodevoli l-fatt li gara dan l-izball, pero' mhu xejn hlief zball li ma jaffettwa xejn l-ammissibilta' o meno tar-relazzjonijiet tal-Perit Richard Aquilina u tal-Kuntistabbli u lanqas il-validita' taghhom. Ma tistax ghalhekk taccetta l-eccezzjoni ta' Dr Mallia darba li tali esperti kienu esperti nominati regolarment fl-inkjesta. Tfakkar il-Qorti li kieku l-Inkjesta, kif gara u kif jigri ta' spiss kienet maghluqa qabel ma l-Magistrat Inkwirenti irceva r-relazzjonijiet ta' l-esperti minnu nominati, l-istess relazzjonijiet kienu legalment u kif komuni jigri, jigu esebiti fl-atti ta' l-Istruttorja. Dan wara ovvjament li l-istess Qorti Istruttorja tkun irceviet il-proces verbal, tkun ikkonstatat min huma l-esperti ga nominati fl-Inkjesta u kkonfermat l-istess esperti bhala esperti taghha. Fatti dawn li graw f'dan il-proceddiment.

It-tieni punt li tixtieq tindirizza din il-qorti hu punt indirettament sollevat mid-Difiza u dan kif jidher mill-

mistoqsijiet li d-Difiza ndirizzat lejn ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe il-kwistjoni ta' jekk kienx hemm espert nominat li setgha jikkonstata l-kontenut tal-fliexken maqbuda, u cioe jekk il-kontenut tal-fliexken giex pruvat li hu xorb alkoholiku, whisky u vodka rispettivament. Jidher ukoll li tqajmet kwistjoni dwar il-kontinwita' ta' bejn dak ix-xorb li gie maqbud mill-Ispettur Cordina fil-garage fl-Iklin, dak il-garage li kien iddobba Joseph Fenech, u x-xorb li fino in fondo gie maqbud mill-Kontrollur tad-Dwana.

Harsa lejn ir-relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina li l-Qorti ga ddecidiet li hi wahda ammissibbli f'dawn l-atti, wiehed isib li l-istess Perit Aquilina zamm access fis-26 ta' Dicembru, 2000 fis-sitta neqsin ghaxra ta' filghaxija, u iehor fit-tmienja neqsin kwart ta' filghaxija gewwa Triq ir-Rumanzier l-Iklin u Pinto Wharf rispettivament, ghalhekk il-Perit Aquilina dawn l-accessi zammhom f'dik id-data riflessa fl-akkuza. Fl-access il-Perit Aquilina qua espert tal-Qorti ikkonstata l-oggetti li sab, cioe it-truck bin-numru KAD-978 li fih kien hemm zewg pellets mghobbija b'kaxxi tax-xorb issigillati gol-polythene abjad, ikkonstata wkoll li kien hemm garage numru 5 li go fih kien hemm sitt pellets mghobbija bil-kaxxi tax-xorb liema kaxxi kienu ssigillati bil-polythene abjad, ikkonstata wkoll li fuq in-naha ta' quddiem lejn il-bieb kien hemm pellet immarkata Stainless Steel Products Limited. Qal ukoll li l-pellets gol-garage tghabbew fil-container truck u dawn ittiehdu go Pinto Wharf Sea Terminal fejn il-kaxxi kollha nfethu u wara <u>li l-fliexken gew ezaminati</u> (enfazi tal-Qorti) tqeghdu lura fil-kaxxi fuq il-pellets. Il-Perit fil-kors ta' l-inkjesta ghamel inventarju pellet pellet tal-fliexken, l-ismijiet tal-fliexken u l-ammont tal-fliexken li kien hemm. Fil-fatt insibu, per ezempju, li fl-ewwel pellet il-Perit ikkonstata li kien hemm fliexken ta' Smirnoff Vodka u sab 45 kaxxa ta' tnax-il flixkun ta' litru, fil-pellet numru 5 sab Dewars Scotch Whisky, 25 kaxxa ta' tnax-il flixkun ta' litru, kien hemm fliexken minghajr tapp, sab anke Smirnoff Vodka hmistax-il kaxxa tat-tnax-il flixkun tal-litru u kkonstata li kien hemm flixkun nieqes. Ikompli fil-fatt il-Perit bl-elenku tieghu f'dan l-inventarju (vide relazzjoni Dok RA fol 84-97).

Tista’ tghid fil-fatt li dan l-inventarju jaqbel fit-totalita’ ghajr ghal dettalji minimi ma’ dak id-dokument li fuqu rcevew ix-xoghol fil-bonded stores il-fizzjali tad-Dwana u cioe s-Sur Mario Grech u s-Sur Alfred Aquilina u hawnhekk il-Qorti qed taghmel referenza ghad-Dok A esebit bhala Dok MG a fol 148 tal-process.

Illi l-Qorti ghalhekk m’ghandha ebda raguni ghalfejn tiddubita l-ammont tal-fliexken tax-xorb maqbud kif rifless fl-inventarju maghmul mill-espert taghha l-Perit Richard Aquilina mal-ammont tal-fliexken mizmum mid-Dwana (kif rifless fin-nota ta’ qbid minnhom mahruga).

Jidher pero’ li l-kontestazzjoni primarja tad-Difiza hija dwar il-kontenut li hemm f’dawn il-fliexken, mhux daqstant in-numru tal-fliexken. Fil-fatt anke mit-trattazzjonijiet jidher li d-Difiza qeghda tikkontesta l-grad tal-prova li ghaliha waslet il-Prosekuzzjoni in kwantu ghall-fatt li qatt ma gie mqabbad espert biex jistabilixxi x’kien il-kontenut tal-fliexken maqbuda u cioe biex jistabilixxi jekk tali fliexken kinux mimlija bil-whisky u vodka kif allegat. Illi fil-fatt waqt dawn it-trattazzjonijiet tad-Difiza gie anke sollevat ezempju li jekk persuna tinqabad tpejjep hemm bzonn u necessita’ ta’ espert li janalizza jekk is-sigarett li qed jitpejjep hux sigarett li komunement wiehed ipejjep cioe dak kontenenti nikotina jew hux wiehed maghmul minn sustanza tossika per ezempju haxixa.

Il-Qorti in determinazzjoni ta’ din il-lanjanza se taghmel referenza ghall-artiklu 546 (2) tal-Kap 9, specifikament ghall-proviso ta’ l-istess artikolu liema proviso jghid hekk “Izda fejn jirrizulta l-fatt li dwaru ma tkunx saret investigazzjoni taht dan is-subartikolu (l-inkjesta) kien jikkostitwixxi reat li ghalih kienet tinghata l-piena msemmija f’dan is-subartikolu, n-nuqqas li tinzamm investigazzjoni taht dan is-subartikolu m’ghandux, ghal dik ir-raguni biss, jippregudika b’kull mod li jkun li jinbdew jew jitkomplew procedimenti kriminali ghal dak ir-reat jew l-ammissibilta’ ta’ kull prova dwar dak ir-reat f’dawk il-procedimenti.”

Dan il-proviso jaghmilha cara li biex isir procediment kriminali jew il-kontinwazzjoni ta’ tali procediment kriminali mhux necessarju li ssir dejjem inkjesta Magisterjali. Fil-fatt hu ben maghruf u notorju li hafna mill-kawzi jitressqu l-Qorti biss a bazi ta’ investigazzjoni tal-Pulizija u ma jkunux soggetti ghal inkjesta Magisterjali. F’dan il-kaz l-inkjesta saret. F’dan il-kaz ukoll il-Magistrat Inkwirenti ma hassx il-bzonn li jitqabbad espert biex jikkonstata l-kontenut tal-fliexken. Fil-fatt il-bzonn li hass il-Magistrat Inkwirenti kien li jikkonserva dawk l-istess fliexken u ghaldaqstant ghal dan l-iskop tqabbdu espert tal-fotografija kif ukoll il-Perit Aquilina li kif ga ntqal ghamel id-debita nventarju ta’ dak kollu li kkonstata. Ma jreggix, fl-opinjoni ta’ din il-Qorti l-paragun li gabet id-Difiza bejn it-tipjip tal-haxixa u l-alkohol. Tfakkar il-Qorti li l-alkohol hu oggett komunement ikkunsmat, u hu likwidu li fil-maggoranza tan-nies jew ahjar hafna min-nies huma familjari mieghu. Mhux hekk fil-kaz tad-droga. Ghalhekk ma thossx il-Qorti li f’dan il-kaz kien jehtieg biex jigi pruvat li l-kontenut tal-fliexken bit-tabelli whisky u vodka kien verament il-likwidu whisky u vodka, li kellu jitqabbad espert. Din il-Qorti hi konfortata bil-fatt li in kwantu kien hemm fliexken tax-xorb miksurin, kien hemm riha ta’ xorb bizzejjed biex wiehed jasal ghall-konkluzjoni ta’ x’kien dak ix-xorb. Tfakkar ukoll din il-Qorti li kif xehdu diversi nies, dan anke jirrizulta mil-listi ta’ inventarju msemmija u anke mil-listi maghmula min-nies tad-Dwana, li kien hemm fliexken miftuhin kif ukoll miksurin, ghalhekk kif anke xehed per ezempju l-Ispettur Cordina fost l-ohrajn, a fol 72 tal-process, mir-riha stess wiehed seta’ jikkonstata l-kontenut ta’ l-istess fliexken.

Pero’ anke jekk il-Qorti tasal biex taqbel mad-Difiza li l-Prosekuzzjoni kienet twassal il-kaz taghha ghal prova aktar gholja (f’dan il-kaz aktar minn dubju ragonevoli) jibqa’ l-fatt li d-Difiza qed tinsa dik li ahna komunement insejhu l-prova regina ga esebita f’dawn l-atti u cioe l-istqarrijiet tat-tliet akkuzati.

Jistaqsi wiehed ghaliex persuna jew persuni kellhom jghaddu minn dan il-martirju kollu ta’ hrug ta’ flus, stennija u ta’ wasla tal-container u hafna arrangamenti ohra

ancillari li marru ma’ din l-operazzjoni jekk fil-fatt ma kinux se jiggwadanjaw xejn minn dan kollu? Pero’ dan l-argument apparti, jekk wiehed ihares lejn l-istqarrijiet ta’ l-akkuzati nibdew per ezempju bl-ewwel zewg stqarrijiet esebiti, u cioe dawk rilaxxati minn Cutajar, li fl-ewwel wahda jinnega anke l-konoxxenza ta’ x’kien fihom il-pellets, pero’ fit-tieni stqarrija jirrispondi u jispjega l-involviment tieghu. Jispjega kif hu gie mitkellem minn Roderic Tanti dwar li kellu jinxtara xi xorb mill-Italja u li kellu jiddahhal hawn Malta minghajr ma jithallas dazju, jkompli dan l-istess Cutajar li tant hu kien involut f’din l-operazzjoni li fil-fatt spjega li kien hu li kellu jikklirja dan ix-xoghol, bl-involviment ta’ terzi persuni mid-Dwana bla ma jithallas dazju. Jitkellem dwar xi flus kellu jiehu, xi flus kellhom jinghataw lil terzi li kellhom jghinu f’din l-operazzjoni. Jispjega wkoll kif eventwalment hu saq it-truck mghobbi bil-merkanzija lejn l-Iklin fejn kien qed jistennih Roderic Tanti u sussegwentement gie anke Joseph Fenech bic-cavetta tal-garage.

Min-naha tieghu per ezempju, l-istess Joseph Fenech spjega kif gie avvicinat minn Roderic Tanti li talbu xi flus fuq bicca business li kienet thalli qliegh, spjegalu li kien hemm Taljan li jista’ jnizzel xi xoghol bla dazju u s-Sur Fenech kellu johrog tmint elef lira ghall-parti tieghu li minnha kien se jaqla’ erbat elef lira. Spjega ghalhekk l-operazzjoni kif kien jafha hu, spjega l-involviment kemm ta’ Roderic kif ukoll ta’ Chris, sakemm fil-fatti wasalna fil-garaxx li kien iddobba minghand certu Josef u hemmhekk it-tlieta kemm huma gew maqbuda mill-Pulizija ihottu it-truck. Spjega wkoll is-Sur Fenech li x-xorb li kellhom jimpurtaw kellu jkun Vodka Smirnoff u Finlandia u Whisky Famous Grouse u xi ditta ohra. Qal ukoll is-Sur Fenech li kien jaf li kien hemm erba’ mitt kaxxa xorb.

Min-naha tieghu Roderic Tanti spjega wkoll li kien qed jitkellem ma’ dan it-Taljan jismu Alfredo u li dan it-Taljan kien qallu li kien jista’ jgib ix-xorb Malta bla dazju. Spjega kif hu kellu problema tal-flus u li kien anke ftiehem ma’ Joseph Fenech li kien habib antik tieghu. Dan Fenech kellu johrog tmint elef lira bhala sehmu fuq il-bicca tax-xoghol tax-xorb. Fehem ukoll fl-istqarrija kif hu kien

kellem lil Chris u kien ftiehem mieghu li kellu jidhollu xi xorb minghajr dazju u li Chris kellu jiehu hsieb li jgorru u jwasslu sal-garage fl-Iklin u ta’ dan Chris kien se jaqla’ elf lira. Dwar kif ix-xorb kellu johrog mid-Dwana bla hlas ta’ dazju bla ma jigi registrat, qal is-Sur Tanti li dan halla kollox f’idejn Chris. Spjega s-Sur Tanti minn hemmhekk x’gara u cioe li sussegwentement iltaqghu ma’ Chris u mas-Sur Fenech hdejn il-garage ta’ l-Iklin u li imbaghad hawnhekk huma gew imwaqqfa u ntercettati mill-Pulizija waqt il-hatt ta’ l-istess truck.

Illi ma jirrizulta ebda raguni ghala din il-Qorti ghandha tiskarta dawn l-istqarrijiet u wisq inqas tiddubita l-kontenut taghhom li certament fil-konfront tal-persuna li qed tirrilaxxahom jikkostitwixxu prova.

In vista ta’ dan premess il-Qorti tinsab konfortata mill-istqarrijiet stess rilaxxati mill-akkuzati u mir-rizultanzi kollha tal-process, li ma hemm ebda dubju li dawk il-fliexken hekk maqbuda mill-Pulizija u li spiccaw fil-bonded stores tad-Dwana jikkontjenu xorb alkoholiku. Lanqas m’ghandha dubju l-Qorti u hawnhekk terga’ taghmel referenza wkoll, kemm ghax-xhieda kollha prodotta specjalment tal-Pulizija, b’mod partikolari dik ta’ l-Ispettur Cordina li mexxa din l-operazzjoni kif ukoll ghall-istqarrijiet ta’ l-istess imputati, li dawn kienu fil-fatt irrangaw ma’ dan it-Taljan ta’ l-isem Alfredo u dahlu hawn Malta container li ghajr ghal pellet wiehed ta’ l-istainless steel kellu diversi pellets mimlijin b’xorb alkoholiku u harguh mid-dwana, dejjem tramite Christopher Cutajar, bla ma gie dikjarat u mhallas jew kawtelat id-dazju fuqhom ta’ Importazzjoni, Dazju tas-Sisa kif ukoll taxxa fuq il-valur mizjud. L-oggett kollha msemmija gew mahruga mid-Dwana bit-truck misjuq minn Christopher Cutajar bin-numru ta’ registrazzjoni KAD-978 (vide nota ta’ qbid 7/2001) esebita bhala Dok MD 4 a fol 32 tal-process.

Dwar il-htija rat l-artikoli proposti mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju tieghu. Hija l-fehma ta’ din il-Qorti illi fil-konfront tar-reat ikkontemplat taht l-Artikolu 308 tal-kapitlu 9 illi jonqos dak ir-rekwizit necessarju mill-ezami tal-fatti, ir-rekwizit tal-messa in scena biex jigi kostitwit ir-reat

ikkontemplat f'dan l-artikolu. Min-naha l-ohra pero' certament gew sodisfatti l-fatti u gie ppruvat ir-reat ikkontemplat taht l-artikolu 309 tal-kapitlu 9 inkwantu m'hemmx dubju li bl-evazjoni tat-taxxi msemmija jirrizulta qligh b'qerq ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta. Daqstant iehor il-Qorti qed issib htija taht l-artiklu 334 tal-Kapitlu 9. Issib ukoll li hemm ksur car ta' l-artikolu 60 u 62 tal-Kapitlu 37. Certament pero' ma tistax issib il-htija tar-reat ikkontemplat skond ir-rinviju ta' l-Avukat Generali fl-artikoli 63(1)(2) tal-Kapitlu 37. Jekk wiehed fil-fatt ihares lejn il-letters to prosecute mahruga mill-Kontrollur tad-Dwana u dak tal-VAT isib li l-artikolu ccitat huwa dak ta' 69(1)(2) mhux l-artiklu 63 kif indikat fin-nota ta' l-Avukat Generali, liema artiklu pero' bis-subincizi tieghu ma jezistix fil-Kapitlu 37. Rat ukoll l-Att XVI 1995 wara li rat l-artikolu 16 u 17 ta' l-istess issib ukoll htija f'dak il-konfront. Tinnota wkoll il-Qorti li fin-nota bl-artikoli ta' l-Avukat Generali ghal liema artikoli taw il-kunsens taghhom l-imuptati (enfazi tal-Qorti) ma saret ebda referenza ghal htija fir-rigward ta' l-evazjoni tat-taxxa fuq il-valur mizjud ai terminu ta' l-Att XXIII ta' l-1998 ghalhekk il-Qorti mhux se tiehu in konsiderazzjoni jekk hemmx htija taht l-imsemmi att, cioe jekk kienx hemm evazjoni ta' VAT (Kapitlu 406).

Ghaldaqstant qed issib lil Roderic Tanti, Joseph Fenech u Christopher Cutajar hatja kif premess u dan wara li rat l-artikoli 309, 310, 334, 17, 31 tal-Kapitlu 9, artikolu 60, 62 u l-proviso a ta' l-Artiklu 62, artikolu 68 kollha tal-Kapitlu 37 tal-Ligijiet ta' Malta, rat ukoll l-artikolu 16 u 17 Att XVI 1995.

Rat il-fedina penali ta' kull akkuzat, qieset li kemm Tanti kif ukoll Fenech ga gawdew minn provedimenti taht il-Kapitlu 152 u Fenech wahdu minn dawk kontemplati taht l-Artiklu 28A tal-kapitlu 9. Dik ta' Cutajar tista' tghid li ghajr ghal R & A hija netta. Qieset ukoll f'dan ir-rigward il-proviso a ghall-artiklu 62 tal-Kapitlu 37 li jirrendi tassattiva l-applikazzjoni ta' piena karcerarja taht dik l-ordinanza meta l-oggetti li dwarhom ikunu saru dawn il-procedimenti ikunu xi oggetti minn dawk murija fl-iskeda bhal ma huwa "2. inbejjed u spiriti" Dan apparti l-applikazzjoni tal-multi ikkontemplati. Tenut kont tal-fatt ta'

kif evolvew il-fatti jidher li l-ftehim primarju kien bejn Tanti u Fenech u mbaghad gie nvolut Cutajar li pero' kellu involviment principali biex jikklirja mid-Dwana x-xorb, tqis ghalhekk il-Qorti li t-tlieta kemm huma nonostante dak rifless fil-fedina penali ghandhom igorru l-istess piz, ghaldaqstant qeghda bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitlu 9 tikkundannahom ghal piena karcerarja ta' sena habs sospiza ghal erba' snin. Tfakkar ukoll il-Qorti li hadd mill-akkuzati ma gie addebitat l-akkuza tar-recidiva.

Rat id-dokument MD3 a fol 30 u 31, rat ukoll il-valur tal-fliexken impurtati, id-dazju ta' l-importazzjoni u d-dazju tas-SISA, qed teskludi l-applikazzjoni tal-VAT bil-15% ghar-ragunijiet premessi u tikkundannahom kull wiehed ghal multa ta' ghoxrin elf hames mija u erbghin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm 20, 540.28) (vide artikolu 62 tal-Kapitlu 37, artiklu 16 ta' l-Att XVI ta' l-1995)

Mhux qeghda tapplika l-Qorti hawnhekk il-provedimenti tal-proviso ghall-artiklu 62 fejn terz tal-piena tal-flus ghandhom jitqiesu bhala dejn civili in kwantu tali proviso ma giex specifikat fl-artikoli ta' l-Avukat Generali.

Tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha cioe x-xorb alkoholiku kif elenkat fin-nota ta' qbid Dok MD 3 ga msemmija u l-vettura KAD-978 Dok MD4 u dan wara li rat l-artikolu 68 tal-Kapitlu 37, artikolu 17 ta' l-Att XVI ta' l-1995 u l-artikolu 23 tal-Kapitlu 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------